MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2012

Numru. 294/2008

**Il-Pulizija**
(Spettur Josric Mifsud)

**vs.**

**Joseph Theuma**

**Illum 13 ta’ Novembru 2012**

**Kaz Numru 294/2008**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Joseph Theuma, bin Louis u Mary nee’ Bajada, imwieled fil-5 ta’Awwissu 1968, residenti go ‘Dar ta’ Groppluʼ, Triq ta’ Mannar, Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 512686(M), akkuzat talli;

Nhar il-5 ta’ Marzu 2008 ghal habta ta’ 07:00hrs fi Sqaq fi Triq Mannar, Xaghra, Ghawdex minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil M’Angelo Theuma u Giovanna Theuma fil-pussess ta’ hwejjighom u ghamlilhom hsara billi qalalhom u kissrilhom il-kancell li kien hemm fil-bidu tal-entrata ossia *drive-way* tad-dar propjeta tal-kwerelanti, liema entrata ghandha d-dhul taghha mill-imsemmi sqaq, u aktar talli bl-istess hsieb rikjest mill-Artikolu 84 tal-Kapitolu 9, permezz ta’ haddiema inkarigati minnu, hatt hajt divizorju li jifred il-bitha tad-dar tieghu mill-entrata proprjeta tal-kwerelanti Theuma, liema xoghol ghamlu kontra r-rieda tal-imsemmi konjugi Theuma, u bi ksur tad-drittijiet taghhom, u liema hajt kien wiehed antik mibni mastizzat b’gebel maskan u ta’ hxuna madwar wiehed punt tnejn tnejn metri (1.22m).

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-diversi dokumenti esebiti.

Semghet il-provi tal-partijiet, inkluz lill-imputat li xehed minn jeddu b’mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni tal-konsulent legali tal-kwerelant u rat ir-replika tieghu.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-imputat.
Rat il-verbal tas-seduta tas-17 t’April 2012 fejn il-Qorti ordnat li l-imputat jerga’ jixhed ghar-ragunijiet imsemmija fil-verbal imsemmi.

Rat Artikoli 84 u 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi minn qari tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jidher li l-imputat jinsab affacjat b’zewg imputazzjonijiet: wahda bir-reat taht Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioé bir-reat ta’ *ragion fattasi* u ohra bir-reat taht Artikolu 84 tal-istess kapitolu. L-imputat jinsab akkuzat li fil-5 ta’ Marzu 2008 ghamel hsara lill-kwerelanti billi qala’ u kisser “*il-kancell”* li ssir riferenza ghalih fl-akkuzi kontra l-imputat (l-ewwel imputazzjoni) u kif ukoll li hatt *“hajt*

*divizorju"* li jifred il-bitha tad-dar tieghu mill-entrata proprjeta' tal-kwerelanti (it-tieni imputazzjoni).

Illi, fl-affidavit tieghu[1], PS 676 Edelon Spiteri jghid li meta mar fuq il-post in kwistjoni osserva li hajt tas-sejjiegh wiesa xi 3 piedi b'gholi ta' madwar 5 piedi kellu madwar 10 piedi minnu mahtut u li xatba tal-hadid tal-kulur iswed kienet mitluqa minn mal-hajt faccata.

Illi filwaqt li l-kwerelanti jghidu li dik il-parti tal-isqaq mertu tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat kienet mixtrija minnhom u li kienu biss huma, il-kwerelanti, u certu Tarcisio Galea li setghu jaghmlu uzu minnu peress li huma biss kellhom ir-residenzi bl-access mis-sqaq in kwistjoni, l-imputat jghid li huwa kellu l-permessi mehtiega sabiex jaghmel xi zvilupp fl-istess sqaq.

Illi, fl-atti ta' din il-kawza gew ezebiti diversi dokumenti, fosthom kopja tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 12/2008AE[2] u kif ukoll l-atti tal-kawza numru 43/2008AE[3].

Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta li t-tiketta bejn il-kwerelanti u l-imputat ilha ghaddejja ghal diversi snin. Bir-rispett kollu lejn il-partijiet, il-partijiet m'ghandhomx jippretendu li dak li ma hadux minn kawzi ohra li kien hemm bejniethom ser jottjenuh minn din il-kawza. Din il-kawza m'hijiex xi kawza civili fejn il-Qorti trid tidhol biex tezamina d-drittijiet rispettivi spettanti lill-partijiet u ghalhekk tezamina kuntratti, dokumenti u pjanti minn fejn jista' jidderiva titolu. Dana l-ezercizzju jispetta lil qrati civili u l-partijiet ma jistghux juzaw il-qrati ta' gurisdizzjoni penali sabiex jiksbu xi dikjarazzjoni dwar min ghandu titolu o meno. Hawnhekk, il-kwerelanti, l-ewwel u qabel kollox, jenhtiegilhom igibu prova dwar dak li jallegaw u cioe' dwar il-kummissjoni tal-att spoljattiv da parti tal-imputat.

Illi, fil-kamp penali, kif inhu ben risaput, trid issir il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar il-

[1] *A fol.* 4 tal-process.
[2] *A fol.* 16 *et seq.* tal-process.
[3] *A fol.* 85 *et seq.* tal-process.

kummissjoni o meno tal-att minn naha tal-imputat, li tista’ twassal ghal sejbien ta’ htija.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li permezz ta’ kuntratt datat 26 ta’ Settembru 2005[4], kien sar kuntratt bejn id-Djocesi ta’ Ghawdex u l-kwerelanti fejn id-Djocesi kienet inkludiet bhala parti mill-bejgh tal-proprjeta’ li kienet ttrasferiet lill-kwerelanti Theuma fis-sena 1977 u fis-sena 1991, id-drittijiet kollha ta’ proprjeta’ fuq l-isqaq u l-passagg.

Illi jirrizulta wkoll li b’kuntratt datat 3 t’ Ottubru 2007[5], id-Djocesi ta’ Ghawdex kienet iddikjarat li l-kuntratt li kienet ghamlet mal-kwerelanti fis-26 ta’ Settembru 2005 *“bl-ebda mod ma ghandu jinqara jew jitqies illi jippregudika d-dritt ta’ access minn fuq dan l-isqaq u d-dritt ta’ ftuh ta’ aperturi ghal fuq l-isqaq illi talvolta setghu kienu gawduti mill-proprjeta’ ta’ Joseph Teuma. Barra minnhekk, il-Kurja prezenzjalment tiddikjara u taghmilha cara illi bis-sahha ta’ dak il-kuntratt korrettorju, hija fl-ebda hin ma tat id-dritt lil Michaelangelo u Mary Jane konjugi Theuma sabiex b’xi mod jew iehor jaghlqu l-access minn dan l-istess sqaq ghall-proprjeta’ ta’ Joseph Teuma”*.[6]

Illi, a rigward **il-kancell** li ssir riferenza ghalih, jirrizulta li din saret zmien ilu, fi zmien meta kien ghadhom ma sarux il-kuntratti tal-2005 u tal-2007. Il-kwerelant M’Angelo Theuma xehed in kontro-ezami li dan il-kancell kien ilu mwahhal (qabel nqala’) ghal ghoxrin sena. Da parte tieghu, Tarcisio Galea, prodott mill-Prosekuzzjoni, xehed li dan il-kancell kien ilu madwar ghoxrin sena li tpogga. Fir-rigward tal-imputat, dan kien evaziv hafna meta gie mistoqsi kemm kien ilu mwahhal dan il-kancell u wara li gie mistoqsi diversi drabi, l-imputat qal hekk:

“<u>L-Avukat Dr. Mario Scerri</u>:

[4] *A fol*. 98 *et seq.* tal-process.
[5] *A fol*. 103 *et seq.* tal-process.
[6] *A fol*. 106 tal-process.

Sal-lum ghadek ma poggejtux f'postu, ghax ghidt li hemm kawzi ohrajn. Dan il-kancell kemm kien ilu li twahhal qabel ma inti ddecidejt li taqlighu?

<u>Xhud</u>:
Bl-ezatt ma nafx.

<u>L-Avukat Dr. Mario Scerri</u>:
Mhux bl-ezatt, imma snin.

<u>Xhud</u>:
Snin, snin. Kienu snin, iva"

Jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirreferi ghall-5 ta' Marzu 2008. Jirrizulta li sa dakinhar il-kancell kien ghadu fejn kien meta twahhal. Ghall-mistoqsija, *"Jien ghamiltlek domanda fl-elfejn u tmienja (2008) qlajt dan il-kancell inti"*[7], l-imputat wiegeb *"iva"*[8]*.*

Illi Il-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

*"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;*

*(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u*

*(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi,* ***Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia****, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506;* ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia****, Appell*

[7] *A fol*. 379 tal-process.
[8] *Ibid.*

*Kriminali 17 ta' Frar, 1995;* ***Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar****, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G.,* ***Annotazioni alle Leggi Criminali*** *(Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta'* ***ragion fattasi*** *jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta'* ***ragion fattasi*** *jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".*[9]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008, il-Qorti sahqet is-segwenti:

*"Ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa dak ta' delitt ta' uzu mill-privat kontra l-ligi tas-setghat ta' l-Awtorita` Pubblika. Ghas-sussistenza ta' l-ipotesi tal-ligi skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali bazikament dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-kwerelanti kellux pussess tutelabbli tal-passagg, li seta' jikkonsisti sew minn pussess materjali, sew minn wiehed ta' detenzjoni. Ara* ***Il-Pulizija vs. George Zahra****, Appell Kriminali, 16 ta' Lulju, 1958".*

Illi, minn dak li nghad fuq, jirrizulta li l-imputazzjoni taht Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema imputazzjoni giet migjuba kontra l-imputat, giet sodisfacentement pruvata. Jirrizulta li l-kancell in kwistjoni kien ilu hafna li twahhal u jirrizulta wkoll li in segwitu tal-kawza civili[10] miftuha mill-imputat u martu kontra l-kwerelanti, ma gietx milqugha t-talba tal-imputat sabiex jigi rexiss il-kuntratt tas-26 ta' Settembru 2005. Mill-provi prodotti jirrizulta, minghajr dubju, li l-kwerelanti kellhom il-

[9] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.
[10] Kawza Numru 43/2008AE (*a fol.* 251 *et seq.* tal-process).

pussess tal-passagg in kwistjoni u li meta nqala il-kancell in kwistjoni kien qed isir reat taht Artikolu 85 tal-Kapitolu 9. Fin-nota ta' osservazzjoni tieghu l-imputat jargumenta s-segwenti: *"il-kancell jidher li dan inqala' mill-haddiema waqt ix-xoghol taghhom bhala kawza incidentali tax-xoghlijiet li kienu qed isiru u zgur ma jistax jinghad illi hawnhekk kien hemm xi intenzjoni biex l-imputat ixekkel lil xi terz mit-tgawdija ta' hwejgu"*. Il-Qorti hija tal-fehma li dan huwa argument bla ebda bazi u dan ghar-raguni illi nqala' ghal liema raguni nqala' il-kancell, jirrizulta li dan inqala' minghajr ebda permess tal-kwerelanti! Dan jghidu l-imputat stess meta xehed in kontro-ezami.[11] Ghad-domanda jekk poggiex il-kancell f'postu, l-imputat wiegeb li dan m'ghamlux tant li jirrizulta li l-kancell ghadu maqlugh.[12] L-imputat jghid li ma poggiex lura l-kancell f'postu: *"ghax hemm kawzi ohra li ghadhom iridu jaraw il-passagg ta' min hu fil-verita"*.[13]
L-imputat messu ma hax il-ligi b'idejh u ta' dak li ghamel, l-imputat ghandu jinzamm responsabbli.

Illi fir-rigward tal-**hajt divizorju**, fl-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat saret riferenza lejn Artikolu 84 tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu huwa ghal kollox estranju ghall-fatti tal-kaz u ghalhekk bl-ebda mod ma jista' l-imputat jigi misjub hati taht Artikolu 84.

Ghaldaqstant, il-Qorti, in segwitu tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu (cioé dik li tirrigwarda l-kancell) u tikkundannah multa ta' mitejn Euro (€ 200), u fir-rigward tal-imputazzjoni l-ohra, fuq nuqqas ta' provi, tilliberah minnha,

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[11] *A fol*. 378 tal-process.
[12] *Ibid.*
[13] *Ibid.*